MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2254/2002

**Avviz numru: 2254/02AE**

**Mirage Holdings Limited**

**Vs**

**Ruth Schembri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ hames mitt lira Maltija (Lm500) in kwantu ghal Lm333 import ta’ kambjali li mmaturaw, Lm137 prezz ta’ merkanzija u Lm30 imghax legali dovut sal-lum.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehret ghas-seduti.

Semgha lir-rapprezentant tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta ihallas is-somma ta’ erbgha mija u sebghin lira Maltija (Lm470). L-imghax fuq il-kambjali ghandu jiddekorri mid-data li mmaturat kull wahda mill-kambjali, filwaqt li l-imghax fuq is-somma ta’ Lm137 ghandu jiddekorri mid-data tan-notifika ta’ l-avviz tat-talba.

L-ispejjez kollha huma ghak-karigu tal-konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**